# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 215/2018 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**CL**

**Vs**

**L-Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace u l-PL Alison Wadge, b'digriet tat-18 ta' Settembru 2018, gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lil ML**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' CL, datat 6 ta' Awissu 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar it-30 ta' Gunju 2016 fl-'Office of the Minister', f'Paranaque City, Metro Manila fil-Filippini kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok.A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;*

3. *Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1d) tal-*

*Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u d-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effet fil-ligi.*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Gunju, 2016 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Art. 19(1d), u/jew tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta datata 24 ta' Ottubru 2018, a fol 15, tal-Kuraturi Deputati l-Avv. Simon Micallef Stafrace u l-PL Alison Wadge li b'digriet tat-18 ta' Settembru 2018 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti ML li taqra hekk:

> *Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.*
>
> *Salv risposta ulterjuri.*

Rat illi Dr Simon Micallef Stafrace ma sab ebda tracca tal-intimata ghalhekk kkomunika

telefonikament mal-Konslu Malti f'Ruma ghal-Istat tal-Filippini u nfurmawh li ma ghandhom ebda mezz biex jikkomunikaw mal-intimata (Vide fol 31 u 32);

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Fr. RC** xehed permezz t'affidavit a fol 19 illi huwa jaf lil familja Lia ghal tmien snin u kien iltaqa' mal-konvenuta ML meta kien mar id-dar t'omm l-attur wara illi l-attur kien qallu li hu u l-martu kienu ggieldu, u hemmhekk ML kienet qalet lix-xhud illi l-attur kien kecciha mid-dar ghal raguni innjota. Qal illi hu kien qalilha illi l-attur kien lest li jaccettaha lura d-dar izda hija rrifjutat.

**GL** xehdet permezz t'affidavit a fol 20 *et seqq* illi hija omm l-attur u li lil konvenuta ML saret tafha meta kienet giet Malta wara z-zwieg tal-partijiet. Ziedet illi hija lanqas biss kienet taf li binha kien izzeweg, peress illi meta telaq lejn il-Filippini hu kien qalilha biss li sejjer ghand habiba tieghu li kien sar jaf fuq l-internet, u li filfatt kienet saret taf b'dan iz-zwieg xi xhur wara meta kien qalilha binha EL. Qalet illi ghaliha dan kien xokk kbir u kienet esprimiet id-dizapprovazzjoni taghha lill-attur, li kien qalilha li kienet decizjoni impulsiva minn naha tieghu li ha meta kien il-Filippini.

Qalet illi l-konvenuta ma kienetx tkun trid tohrog mal-attur u qatt ma kienet tara xi sinjali t'affezzjoni bejn il-partijiet. Ziedet illi kien l-attur wahdu li kien jiehu hsieb id-dar filwaqt illi l-konvenuta kienet tkun il-hin kollu rieqda sakemm kienet sabet xoghol bhala *cleaner*. Spjegat illi meta darba kienu ggieldu l-partijiet, l-konvenuta kienet marret toqghod ghandha ghal xi ghaxart'ijiem jew hmistax u l-attur kien imur kuljum jitlobha sabiex tmur lura d-dar matrimonjali u kien anke talab l-ghajnuna ta' Fr. RC, izda l-konvenuta irrifjutat li tirranga. Kompliet illi eventwalment il-konvenuta kienet ippakjat l-affarijiet taghha u marret toqghod mal-hbieb taghha, u minn dak iz-zmien 'l hawn qatt ma regghat ratha.

**L-attur** xehed permezz t'affidavit a fol 23 *et seqq* illi huwa ghandu tmienja u erbghin (48) sena u jahdem bhala '*general hand'* mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Spjega illi l-partijiet kienu saru jafu lil xulxin permezz tal-internet u wara xi erba' xhur kien issugerilha illi tigi vaganza hawn Malta pero hi kienet wiegbet illi missierha ma kienx ihalliha u li jkun ahjar jekk ikun hu li jmur

izurha fil-Filippini. Kompla li ghalhekk wara li kienu ghaddew xi erba' xhur ohra kien mar il-Filippini, fejn kienu ltaqaw mieghu l-airport il-konvenuta u l-genituri taghha. Zied li kien hemm ukoll bint il-konvenuta, li kellha xi seba' snin, li mill-ewwel bdiet tghajjatlu '*daddy'* xi haga li xxukjatu peress illi din kienet l-ewwel darba li kien ra lil konvenuta u lil bintha.

Xehed illi waqt li kien il-Filippini kien joqghod ghand oht il-konvenuta u hass illi kemm il-konvenuta u anke l-familjarji taghha kienu qed jaghmlu pressjoni kbira fuqu biex jizzewweg lill-konvenuta. Qal illi huwa kien eventwalment ceda taht din il-pressjoni kollha u kien izzewweg lill-konvenuta fl-ahhar erbat' ijiem tal-btala tieghu. Zied illi dak iz-zmien hu kien ghadu ma jafhiex sew lill-konvenuta u ma kienx ippreparat biex jizzewwigha, tant illi qatt ma haseb fit-tul fuq din id-decizjoni. Spjega li kif nizel Malta kien ghamel il-preparament necessarji biex il-konvenuta tigi Malta, filwaqt illi ma qal lil hadd illi kien izzewweg meta kien il-Filippini.

Qal illi hekk kif il-konvenuta giet Malta marret toqghod mieghu, u kienet sabet xoghol wara xi tlett gimghat. Spjega illi wara xi xhur kien qal lil ommu li kien izzewweg u din kienet haditha bi kbira hafna u uriet id-disaprovazzjoni taghha. Xehed li sa minn kif giet Malta l-konvenuta inbidlet; hija bilkemm riedet tkellmu u kienu jiggieldu ta' spiss u wara xi sitt xhur irrifjutat li jkollha relazzjonijiet intimi mieghu. Kompla illi wara glieda li kellhom l-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali u rrifjutat li tmur lura, u wara xi gimgha toqghod id-dar t'ommu kienet marret tghix f'post mikri minghajr ma qaltlu fejn kienet ser tkun. Kompla illi llum -il gurnata lanqas biss jaf jekk il-konvenuta hijiex qieghda Malta, ghaliex l-ahhar li raha kien f'Novembru 2017. Zied illi huwa jhoss li ghamel zball li zzewweg lil xi hadd li kienu ilu jaf biss ghal ftit xhur minn fuq l-internet, u illi jhoss li gie uzat mill-konvenuta sabiex tkun tista' tigi tahdem Malta.

**EL** xehed permezz t' affidavit a fol 29 *et seqq* illi l-attur jigi huh iz-zghir, u ddeskriva lil huh bhala bniedem "*happy-go-luck"* u jhenn ghal kulhadd. Spjega illi ghalkemm kien jaf li huh kien ser imur il-Filippini ghal vaganza pero ma kienx jaf li kien f'kuntatt ma' tfajla minn hemmhekk, izda meta gie lura kien rah mal-konvenuta u l-attur qallu li kienet qed tghix mieghu. Kompla illi l-konvenuta kienet sabet xoghol, u fil-*weekends* lil huh kien dejjem kien jarah wahdu. Zied illi l-ftit drabi li ra lill-partijiet flimkien ma rax sinjali t'affezzjoni, u kienu iktar igib ruhhom qishom zewg persuni li sempliciment jafu lil xulxin milli mizzewwgin. Xehed illi ghalkemm ma jiftakarx min kien qallu li l-partijiet kienu mizzewwgin, jiftakar li kien sorpriz u kien hadha kontra l-attur ghax ma hassx li kellu jaqbad u jizzewweg li xi hadd bl-amment. Qal illi l-partijiet damu flimkien ghal xi xhur biss, ghaliex il-konvenuta kienet abbandunat id-dar matrimonjali.

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza t'annullament a bazi tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, wara talba f'dan is-sens maghmula mill-attur. L-ebda provi ma gew prodotti mill-konvenuta peress illi il-kuraturi deputati ma rrnexxilhomx jintraccawha u b'hekk kien impossibbli ghalihom li jikkomunikaw maghhom u jressqu xi provi. Il-Qorti taghraf pero illi fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B noe vs ED** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> ***"Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…***
>
> ***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…"***

Dan ghaliex, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

> ***"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."***

Il-Qorti sejra ghalhekk tiddetermina jekk il-kawzali ta' nullita moghtija mal-attur gewx sodisfacement pruvati minnu.

L-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi z-zwieg ikun null:

> ***"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."***

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B noe vs ED,** citata aktar il-fuq,:[1]

> ***"Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri."***

Jirrizulta illi l-partijiet kienu iltaqu` fuq l-*internet* u wara li kienu ilhom jitkellmu ghal inqas minn sena. Gia stabbilit li l-attur kien mar il-Filippini sabiex jiltaqa' mal-konvenuta, u dan minghajr ma qal lil familjarji tieghu illi kien sejjer proprju sabiex jiltaqa' mal-konvenuta. Skont ix-xhieda tal-konvenut, waqt illi kien il-Filippini, kemm il-konvenuta u kif ukoll il-familjarji taghha kienu ghamlu pressjoni fuqu sabiex jizzewweg lill-konvenuta, u filfatt, ftit jiem biss qabel ma kellu jirritorna lura Malta, kien izzewweg lil konvenuta f'ceremonja ta' bla hsieb, f'Metro Manila fil-Filippini fit-30 ta' Gunju 2016. Mix-xhieda prodotti quddiem din il-Qorti, jirrizulta illi meta l-partijiet gew joqghodu Malta, l-attur dam xi xhur qabel ma qal lil familjarji tieghu kien izzewweg waqt li kien l-Filippini, u hadd mill-familjarji ma nduna b'dan peress illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet bierda u ma kienux juru affezzjoni lejn xulxin. Mix-xhieda rrizulta wkoll illi ftit tax-xhur wara li l-konvenuta giet Malta, hija kienet sabet x-xoghol u nesiet ir-relazzjoni li suppost kellha mal-attur tant illi wara ftit zmien abbandunat id-dar matrimonjali wara argument li kellhom il-partijiet, biex b'hekk il-konvivenza ta' bejniethom wara z-zwieg damet biss ftit xhur, u l-attur

[1] Rikors Guramentat nru.: 219/16.

qatt ma rega ra lill-konvenuta minn dak iz-zmien ‘l hawn.

Il-Qorti rat illi mill-provi prodotti jidher illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet kien wiehed ta’ konvenjenza. Jirrizulta illi l-konvivenza ta’ bejn il-partijiet kienet wahda ta’ ftit xhur, ghaliex ftit wara illi l-konvenuta sabet impjieg hija abbandunat id-dar matrimonjali u l-attur ma regghax semgha b’ahbarha. Ghalhekk il-Qorti tqis illi minn dan huwa dezumibbli illi l-konvenuta izzewwget lil konvenuta biss sabiex tikseb id-dritt illi tirrisjedi u tahdem hawn Malta, u hekk kif ottjeniet dak li riedet, abbandunat lill-attur daqs li kieku qatt ma kien gie ccelebrat zwieg bejniethom.

Kif jghallem il-gurista Francesco Bersini fuq is-suggett taz-zwieg ta’ konvenjenza:

> “***Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta’ lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita’ vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta’, almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe’ diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita’, scopi di libidine, ecc…***”[2]

Il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq dan is-suggett hija fis-sens illi zwieg ta’ konvenjenza jimporta s-simulazzjoni tal-kunsens peress illi l-partijiet, jew xi hadd minnhom, ikunu eskludew posittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk huwa zwieg null f’ghajnejn il-ligi.[3] Partikolari fir-rigward ta’ kazijiet fejn il-kunsens ta’ xi hadd mill-partijiet ikun ikkontratta z-zwieg sabiex ikun jista’ jirrisjedi jew jahdem Malta, intqal illi:

> “***Meta l-uniku skop tal-kontraent jkun li jibqa’ Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b’mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment,***

[2] F. Bersini, *Il Diritto Canonico Matrimoniale* (Torino, 1994) 113 – 114.
[3] Vide per ezempju: **Carmen el Shimi vs gia` Tanti vs Ibrahim D El Shimi**, Prim’Awla tal-Qorti Civili, deciza 20 ta’ Gunju 2002; **MaryRose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim,** Prim’Awla tal-Qorti Civili, deciza 31 ta’ Mejju 2000; **Lydia Musu` vs Dr. Ian Spiteri Bailey et,** Prim’Awla tal-Qorti Civili, deciza 1 t’Ottubru 2002; **Pauline Ahmed nee Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed,** Prim’Awla tal-Qorti Civili, deciza 10 ta’ Marzu 2002; **L-Avukat A B noe vs E D,** Qorti tal-Familja (Sezzjoni Familja) 31 ta’ Jannar 2018.

> ***f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandhux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament*"[4]**

Wara li rat il-provi prodotti mir-rikorrenti, din il-Qorti tinsab moralment konvinta illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan peress illi mill-provi jidher car illi dan iz-zwieg kien ghall-konvenuta sempliciment wiehed ta' konvenjenza, illi l-konvenuta dahlet fih sempliciment sabiex tkun tista' tigi Malta u jkollha permess illi tahdem hawn. Il-Qorti tqis illi s-segwenti fatturi jippruvaw sal-grad rikjest mill-ligi illi dan kien biss zwieg ta' konvenjenza ghall-konvenuta:

1. Meta l-attur mar izur lill-konvenuta fil-Filippini saret pressjoni kbira kemm mill-konvenuta kif ukoll mill-familja taghha sabiex il-partijiet jizzewwgu u dan nonostante l-fatt illi kienu ilhom jitkellmu flimkien ghal anqas minn sena, u li dan kienet ghadha l-ewwel darba li kienu iltaqu' personalment;

2. Ghalkemm il-konvenuta kienet qed tghaggel lill-attur sabiex ilesti il-preparamenti kollha li kellhom isiru sabiex hi tkun tista' tigi tirrisjedi Malta legalment, meta eventwalment bdiet toqoghod mall-attur ir-relazzjoni taghhom kienet pjuttost bierda, tant illi hadd, lanqas il-familjarji tal-attur ma rrealizzaw illi l-partijiet kienu mizzewwgin;

3. Ftit wara illi l-konvenuta sabet xoghol Malta, hija telqet mid-dar matrimonjali wara argument li kellhom il-partijiet u ma regghatx irritornat u qatt ma ghamlet kuntatt mal-attur, tant ilu ilu kwazi sentejn ma jisma' minghandha.

Minn dan isegwi, skont il-gurisprudenza hawn fuq citata, illi l-kunsens tal-konvenuta kien simulat u ghaldaqstant iz-zwieg tal-partijiet null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-imsemmi Att. Illi galadarba tirrizulta n-nullita taht l-Artikolu 19 (1) (f), il-Qorti tqis illi m'hemmx htiega illi tistabilixxi jekk iz-zwieg huwiex null ukoll ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d).

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur, u tiddikjara illi**

[4] **Lydia Musu` vs Dr. Ian Spiteri Bailey et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 1 t'Ottubru 2002.

**z-zwieg tal-partijiet iccelebrat fit-30 ta' Gunju 2016 fil-Filippini huwa null u invalidu ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuta.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**